Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 17 ta' Novembru 2023
(OR. en)**

**14963/23**

**CDR 173**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar żewġ membri u erba' membri supplenti, proposti mir-Renju ta' Spanja, fil-Kumitat tar-Reġjuni<br>- Adozzjoni |

1. Permezz tal-ittri tat-18 ta' Lulju 2023 u tal-24 ta' Ottubru 2023[1], is-Segretarju Ġenerali tal-Kumitat tar-Reġjuni għarraf lill-Kunsill bit-tmiem tal-mandati nazzjonali li abbażi tagħhom ġew proposti għall-ħatra u nħatru s-Sa Francesca Lluch ARMENGOL i SOCIAS u s-Sur Francisco Javier LAMBÁN MONTAÑÉS, membri tal-Kumitat tar-Reġjuni.

2. Permezz tal-ittri tat-18 ta' Lulju 2023, tat-28 ta' Lulju 2023, u tal-14 ta' Novembru 2023[2], is-Segretarju Ġenerali tal-Kumitat tar-Reġjuni għarraf lill-Kunsill bi tmiem il-mandat nazzjonali li abbażi tiegħu ġew proposti għall-ħatra u maħtura s-Sur Francisco Celso GONZÁLEZ GONZÁLEZ, is-Sur José Francisco HERRERA ANTONAYA, is-Sur Julián José ZAFRA DÍAZ u s-Sa Maria Teresa PÉREZ ESTEBAN, membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni.

3. Skont l-Artikolu 305 TFUE, il-Kunsill jaħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni, billi jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposti mill-Istati Membri rispettivi.

[1] 12171/23 u 14739/23.
[2] 12171/23, 12271/23 u 15424/23.

3. F'konformità ma' dik id-dispożizzjoni u għall-fini tas-sostituzzjoni tagħhom, il-Gvern Spanjol ippropona[3] r-rappreżentanti li ġejjin ta' korp reġjonali li għandhom mandat elettorali ta' awtorità reġjonali bħala membri tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025: Is-Sur Jorge Antonio AZCÓN NAVARRO, *Presidente de la Comunidad Autónoma de Aragón* (President tal-Komunità Awtonoma ta' Aragona) u s-Sa Margarita PROHENS RIGO, *Presidenta del Gobierno de las Illes Balears* (President tal-Gvern tal-Gżejjer Balearići).

4. Barra minn hekk, il-Gvern Spanjol ippropona[4] r-rappreżentanti li ġejjin ta' korp reġjonali li għandhom mandat elettorali ta' awtorità reġjonali jew li huma politikament responsabbli quddiem assemblea eletta bħala membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025: Is-Sa Celia ALBERTO PÉREZ, *Directora General de Asuntos Europeos del Gobierno de Canarias* (Direttur Ġenerali għall-Affarijiet Ewropej tal-Gvern tal-Gżejjer Kanarji), is-Sa Esther HERRANZ GARCÍA *Directora General de Fondos y Relaciones con la Unión Europea del Gobierno de La Rioja* (Direttur Ġenerali għall-Fondi u r-Relazzjonijiet mal-Unjoni Ewropea tal-Gvern ta' La Rioja), is-Sa Tomasa HERNÁNDEZ MARTÍN *Consejera de Presidencia, Interior y Cultura, Gobierno de Aragón* (Ministru Reġjonali għall-Presidenza, l-Affarijiet Interni u l-Kultura, Gvern ta' Aragona), u s-Sa Cristina MENÉNDEZ ÁLVAREZ, *Directora General de Cooperación con el Estado y la Unión Europea, Comunidad de Madrid* (Direttur Ġenerali għall-Kooperazzjoni mal-Istat u l-Unjoni Ewropea, Komunità ta' Madrid).

5. Għaldaqstant, fid-dawl ta' dan kollu, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-test tad-Deċiżjoni kif jinsab fid-dokument 14952/23 u jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta dik id-Deċiżjoni bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss.

---

[3] 14828/23 u 15425/23.
[4] 14828/23, 15425/23, u 15426/23.